MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 464/2004

**Hal Mann Limited**

**vs**

**Prova Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Frar 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm351.00) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta’ provista, tqeghid u *polishing* ta’ madum tac-ceramika u mosaic, liema materjal gie provdut u xogholijiet gew esegwiti mis-socjeta attrici a favur s-socjeta konvenuta fil-fond Insomnia, St. George’s Road, Paceville, San Giljan, fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta konvenuta ai termini ta’ zewg kuntratti entrambe datati l-1 ta’ Novembru 2000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 22 ta' Marzu 2002 u 5 ta' Settembru 2003 rispettivament, u bl-imghax legali dekoribbli skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm351.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 22 ta' Marzu 2002 u 5 ta' Settembru 2003 ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------